MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Numru 949/2009

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

Shaun Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 410690M, akkuzat b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Bejn Marzu 2009 u Awissu 2009, xjentement f’Malta, xtara jew laqa’ ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn u tnejn u tlettin Ewro u erba’ u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disa’ u ghoxrin Ewro u seba’ u tlettin centezmu (€2,329.37), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk

dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9.
2. sar recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat ghar-reati lilu addebitati li huma r-ricettazzjoni u r-recidiva, tiddikjarah hati taghhom.

Rat l-Artikolu 334, 49, 50 tal-Kap 9. tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------